Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

L-Għaxar Leġislatura

Laqgħa Numru 31

27 ta' Lulju 2026

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2026 fl-4:30 pm.

PREŻENTI:

Clive Pulis -	Sindku
Anthony Bonavia -	Viċi Sindku
Malcolm Gatt -	Kunsillier
Joeline Attard -	Kunsilliera
Mario Gauci -	Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 31 għal-għaxar leġislatura

31.1	**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
	Ma kienx hemm
31.2	**Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti**
31.02.1	Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 31, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sa Joline Attard.
31.3	**Substation tad-dawl**
31.03.01	Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar il-kwantita ta' ilmenti li daħlu l-kunsill dwar il-qtugħ tad-dawl, f'diversi toroq għal jumejn sħaħ. Is-Sindku bagħat imejl lil ministru u qra lil kunsilliera. Is-Sindku semma applikazzjoni għal DN/00558/24 ippreżentata f'Mejju 2024 fejn din ma ġietx approvata minħabba li kien hemm oġezzjoni minn terzi. Is-Sindku kiteb li ser iressaq din il-proposta f'din il-laqgħa tallum sabiex il-kunsill jappoġġa l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni ġdida, ibbażata fuq il-pjanti tekniċi li kienu ġew ippraparati mill-Enemalta stess, bil-għan li dan il-proġett ikun jitwettaq fl-interess tar-residenti tal-Isla. Għalhekk is-sindku tkellem mal-ministru Miriam Dalli u CEO tal-Enemalta Ryan Fava biex jerga jibda il-proċess għal substation oħra fejn kien ġie propost f' Mejju 2024. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti li fl-Isla hemm bżonn substation oħra kif kien ġie diskuss mill-enġineer tal-enemalta waqt laqgħa li kienu attendew għaliha s-sindku u s-segretarju eżekuttiv, il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma din l-imejl lil Onor. Ministru Miriam Dalli. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti li fl-Isla li hemm bżonn substation oħra kif kien ġie diskuss mill-enġineer tal-enemalta waqt laqgħa li kienu attendew għaliha s-sindku u s-segretarju eżekuttiv, il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma din l-imejl lil Onor. Ministru Miriam Dalli.
31.4	**Kommunikazzjoni mis-Sindku**
31.04.01	Is-sindku ressaq stedina għan-novena tal-Bambina fit-2 ta' Settembru fis-6.30pm sabiex jibgħatu l-konferma tal-attendenza tagħhom lil Kan. Arċipriet Fr. Robin Camilleri.

31.04.03	Is-sindku informa lil kunsilliera li kummissjoni festa talbu għal permess sabiex jagħmlu attivita bl-isem Citta Invicta fi Pjazza George Mittrovich il-Ġimgħa 21 t' Awissu fejn ser ikun hemm kant u bouncy castle, ser ikun hemm ukoll il-knisja miftuħa sat-20.00 u anke wirja fiċ-ċentru tal-anzjani fis-sala tal-Forti San Mikiel fejn ser ikun hemm spjegazzjoni qasira dwar l-Isla. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din l-attivita.
31.04.04	Is-sindku qara l-korrispondenza mill-każin tal-banda fejn talbu 12 il-qasrija u ħasil tal-pjazza għal-kunċert tal-5 ta' Settembru 2026. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan. Is-Sindku bagħat lis-segretarja tal-każin tal-banda il-kuntat dwar il-qsari u l-ħasil tal-pjazza.
31.04.05	Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Muniċipalita ta' Zarasai bagħtu stedinda sabiex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jattendu għall attivita ta' għeluq 520 sena mit-twaqqif ta' din il-belt. Is-Sa. Joline Attard ser tatendi fin-nuqqas tal-preżenza tas-sindku u tas-segretarju għaliex għandhom impenji oħra f'dak iż-żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-programm lil kunsilliera s-sa. Joline Attard li hija responsabbli mill-ġemelaġġi. Is-Sindku bagħat dan il-programm lil kunsilliera kollha.
31.04.06	Is-Sindku informa lil kunsilliera li iltaqa mal-kaptan Alexei Borg Bonanno kif ukoll ma David Bonello fejn ressaq it-talba biex quddiem il-kurċifiss issir swimming zone b'mod sigur, iżda din it-talba ma intlaqatx minn naħa tat-TM. Is-Sindku kien ċar li mhux ma jistax issir għum iżda ma tistax tingħalaq bħala żona għal għum għaliex il-port huwa attiv ħafna.
31.04.07	Is-sindku ried jerġa jikkonferma li f'seduti preċedenti kien isemma li l-bandli hemm bżonn jinbidlu iżda mhux ser jiċċaqalqu minn dik iż-żona fejn qedin bħal issa. Meta jkun hemm fondi allokati għalihom jitbiddel l-apparat tal-bandli u mhux il-post.
31.04.08	Is-Sindku ressaq Cir AKL 2026/054 – Żjara l-Vatikan fejn informa lill-kunsilliera li ġie mistieden sabiex iżur il-Vatikan bejn l-20 u 22 t'Ottubru 2026 sabiex il-Gvern Lokali Malti jkun rapreżentat quddiem is-Santa Sede u jiġi rikonoxxut is-servizzi li l-Kunsilli Lokali jagħtu lill-kommunitajiet tagħhom.
31.04.09	Is-Sindku ressaq issue taħraq lil kunsilliera li din inqalgħet meta inħadem il-film mal-Latina Pictures fejn il-film ġie imwaqqaf sakemm jiċċaraw l-affarijiet li iż-żona ta' Triq l-Arkati hija privata fejn ħadmu parti fejn għamlu struttura temporanja iżda Latina Pictures solvew din il-problema mas-sid ta' din l-art. Għalhekk il-kunsill irrid jagħmel ir-riċerka mal-Lands sabiex jara l-affarijiet eżatt kif inhuma għaliex din kienet ħarġet fuq Gazzetta tal-Gvern li kienet inxtrat mill-Gvern meta l-kunsill kien għamel talba sabiex din l-art tiġi expropriation. Iżda apparentament is-sidien appellaw dan il-każ ta' din l-art fejn is-sidien rebħu din l-kawża mill-qorti tal-Ewropa li din l-art hija tagħħom u mhux tal-Gvern. Għalhekk il-kunsill ser jitlob il-pjanti eżatt ta' liema art hija privata fi Triq l-Arkati. Il-Kunsillier Malcom Gatt qajjem il-punt li meta saret it-triq is-sid ta' din l-art ma kienetx oġġezzjonat jew resqgħet l-opinjoni jew suġġerimenti jew ilmenti tagħħa.
31.04.10	Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sur Pule mit-Transport Malta fejn issuġġerixa laqgħa għal punti li ressaq is-Sindku is-Sur Clive Pulis minħabba tal-linja :

	storbju eċċessiv tal-magni tal-karrozzi tal-linja li jħalluhom mixgħulin minħabba l-arja kondizjonata; dwar il-konsiderazzjoni li r-rotta li kienet tgħaddi miż-żona ta' San Ġwann T'Għuxa lejn Kordin u tinżel min-niżla ta' kordin terġa tiġi konsidrata; u dwar proposta oħra li tiġi introdotta vettura żgħira simili għal dik li topera Marsaskala sabiex taqdi lil anzjani Sengleani u taffiċilitalhom il-mobbilita' tagħħhom; u jiġi ikkunsidrat servizz ieħor li jopera mill-kottonera u ż-żoni tal-madwar lejn San Vinċens.
31.04.11	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-applikazzjoni għal iskema SPI.SCI.05.2026 kommunitajiet aktar b'saħħithom sabiex jinbdel it-turf u l-grada tigi awtomatika, kif ukoll ikun hemm xiri ta' apparat ta' sports għal-grawnd. Il-Kunsilliera qablu uanimament ma din l-applikazzjoni. Kif ukoll is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-applikazzjoni għall-iskema SPI.SCI.06.2026 – Finanzjament għall-Karnival 2027 sabiex din id-darba issir fi Pjazza erbgħa ta' Settembru bil-kant , żfin u sfilata ta' kostumi. Kif ukoll ikun hemm ħelu tradizzjonali bħal prinjolat u perlini. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attivita.
31.04.12	Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li għandu jiltaqa' ma dižinjatur għal proposta tal-imħażen kif jiltaqa' miegħu ikollu aktar dettalji jinforma lil kunsilliera kollha.
31.04.13	Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar il-bollards tax-xatt, il-Kuntrattur bagħat l-invoice sabiex jitħallas iżda baqa' xi xogħol xi jsir għaliex il-kuntrattur għadu ma għamilx il-kanna li hemm taħt il-bankina ġewwa trinka jew ma arblu kif ukoll baqa xi sinjali u round about mal-art xi jsiru minn naħa ta' B. Grima and Sons. L-Enġinier bagħtilna rapport li s-sistema qeda taħdem tajjeb għalhekk kull ma jonqaos dawn l-affarijiet żagħar.
31.04.14	Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-perit tal-Public Works sabiex issir rinnovazzjoni fil-Ġnien tal-Gardjola mill-fondi tal-public works. Iddiskutejna sabiex titneħħa l-funtana għaliex fiha ħafna ħsarat iżda terġa issir ċatta mal-art bl-istess forma tas-salib ta' Malta. Kif ukoll semmejna li issir l-grada ukoll.
31.04.15	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-evalwazzjoni tat-tender tar-Rede..... Din it-tender intrebħet mill-kumpanija ta' Trihills kif jgħaddu l-għaxart ijiem u ma jkunx appelli il-kunsill ikun jista jmexxi bil-kuntratt u l-garanzija tal-bank u jibda ix-xogħol fuq il-letrina minn naħat ta' barra tal-letrina kif hemm stipulat fit-tender. Il-Kunsilliera qablu ma din l-evalwazzjoni. Ġie diskuss ukoll li l-grada ta' quddiem il-bust Juan B. Azzopardo titneħħa.

	Ġie diskuss ukoll sabiex issiru il-letrini ġodda minn ġewwa mal-public works kif kienu qabel naħa tan-nisa u naħa tal-irġiel. Jiġi diskuss mal-periti tal-Public Works sabiex issir rampa għall persuni b'diżżabilita jew issir chair lift u jkun hemm il-maintenance ta' dan il-lift għall ħames snin fit-tender.
31.04.16	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-proposta saiex jinħadem filmat żgħir fi sqaq il-Ġnien dan huwa filmat ta' 15 il-minuta biss u m' għandhomx bżonn l-ebda parkeġġ. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-filmat Ravjulata biex jinħadem parti minnu fi Sqaq il-Ġnien, wara l-każin tal-banda.
31.04.17	Is-Sindku ressaq il-minuti nru 62 u l-Agenda Nru 63 tar-Reġjun Port lil kunsilliera preżenti u sir jintbgħatu b'imejl lil kunsilliera kollha. Kif ukoll ir-rapport tat-tieni kwart għall-perjodu Jannar sa Ġunju 2026 tar-Reġjun Port .
31.04.18	Is-Sindku ressaq email mill-ANSEK sabiex min jixtieq japplika għal-programm ta' taħriġ ACHIEVE – Essential People Skills for Local Governance għadu miftuħ għal dawk li għadhom ma applikawx.
31.04.19	Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn Luke Farrugia mill-Cancer Research and Innovation Hub Malta (CRIHM) sabiex il-kunsill jagħti permess ta' van fi Pjazza George Mittrovich Il-Ħamis 27 t' Awissu 2026 għall check ups b'xejn.
31.04.20	Il-Viċi Sindku informa lil kunsilliera li bħala president tal-Każin tal-Banda bagħat id-draft tal-libreti fuq ic-chat tal-kunsilliera għall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Kunsill approva dan id-draft fejn hemm il-logo tal-kunsill.
31.04.21	Is-Sindku ressaq id-diskussjoni dwar il-proġett ta' Pjazza Andrea Debono fejn kien hemm ħafna kummenti fuq il-paġna ta' Face book tal-kunsill. L-idea reġgħet ġiet diskussa minflokk issiru portraits ta' nies mill-Isla biex ma jkunx hemm l-ebda preferenza issiru xeni tal-Isla u mhux portraits għaliex sa l-aħħar ta' Lulju irrid jingħalaq dan il-kuntratt.
31.5	**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
31.05.01	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv Jistgħu issiru linji sofor fi Triq il-Kappilan Franġisk Azzopardi u bollards oranġjo ? Is-Sindku wieġeb li iva jistgħu issiru.
31.05.02	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv

	Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistax issir parking tal-mutur fi Triq San Ġużepp jew f'partijiet oħra fl-Isla. Is-Sindku wieġeb li diġa hemm fi Triq San Ġużepp u ma jistax jitneħħa parking ta' karozza biex issir parking ta' mutur. Is-Sindku qal lil viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia li ser jerġa ikellem lil TM sabiex jagħmlu studju fejn jistgħu issiru aktar parkeġġi ta' muturi fil-lokalita' tal-Isla.
31.05.03	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Joline Attard nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk tistax issir Objection għal permit no 05094 / 26 għal tables and chairs minn naħa tal-kunsill għaliex dan ir-resident mhux ser ikollu aċċess biex jidħol id-dar. Dan ir-resident kellem lil kunsillier is-Sur Malcolm Gatt kif ukoll lil viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. Dan ir-resident diġa għamel Objection tiegħu mal-planning. Is-sindku informa lil kunsilliera kollha li ser issir l-oġġezzjoni minn naħa tal-kunsill u anki bghatna lil avukat tal-kunsill lokali.
31.05.04	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk daħħalx ilment dwar wajer imdendel fi Triq il-Kapp Franġisk Azzopardi għaliex dan huwa ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma l-uffiċċju sabiex jagħmlu l-ilment mal-kumpaniji tat-telefon kif ukoll mal-enemalta.
31.6	**Rapporti**
31.6.01	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-finanzi għat-tieni kwart tas-sena Jannar sa Ġunju 2026. (Quarterly Financial Report 1st Jan till end of June 2026 – Quarter 2) Il-viċi sindku is-Sur Anthony

	Boanvia approva dan ir-rapport u l-kunsillier is-Sur Mario Gauci is-sekonda.
31.6.02	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-*Purchase Orders* ta' Ġunju 2026 fejn ġie approvat mill-Kunsillier is-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill-Viċi Sindku is-Su Anthony Bonavia.
31.6.02	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-*Petty Cash* ta' Mejju u Ġunju 2026 fejn ġew approvati mill-Kunsilliera is-Sa Joeline Attard u s-sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia.
31.7	**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
31.7.1	Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 7/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-kunsilliera s-Sa. Joeline Attard u s-sekondati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci.
31.08	**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
31.08.1	Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 t' Awissu 2026 fl-4:30p.m.

Konfermati, illum 24 t' Awissu 2026

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv